**9 ta' Frar, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Ersilia Said

*versus*

Aġent Segretarju tad-Djar

**Ordni ta' Rekwiżizzjoni - L-Operat tas-Segretarju tad-Djar**

*Skond l-Att II ta' l-1949 meta sid fond rekwiżizzjonat ikun mitlub jirrikonoxxi lill-persuna li qiegħda tokkupa l-fond bis-saħħa ta' l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni, dak is-sid għandu d-dritt jitlob il-Qorti għall-awtorizzazzjoni biex ma joqgħodx għal dik it-talba tas-Segretarju tad-Djar. Din it-talba ma tammontax għal waħda biex tkun irtirata r-rekwiżizzjoni u għalbiex ir-rikorrenti jkun reintegrat fil-pussess inkondizzjonat u sħiħ tal-fond.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Said ippreżentat fid-19 ta' Ġunju, 1981, li bih, wara li ppremettiet illi hija rċeviet bil-posta nhar it-Tlieta, 2 ta' Ġunju, 1981, ittra uffiċjali mingħand l-Aġent Segretarju tad-Djar, iddatata 26 ta' Mejju, 1981, fejn ġiet interpellata biex, għall-fini ta' l-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1949 dwar id-Djar (Att II ta' l-1949), bħala sid tal-fond numru 6, Triq San Ġużepp, il-Pietà, tirrikonoxxi lil Antoinette Amaira, li attwalment qiegħda fih, bis-saħħa ta' l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni numru 43221 bid-data tat-8 ta' Lulju, 1980, u debitament notifikata lilha fid-9 ta' Awissu, 1980;

Illi preliminarjament, jiġi eċċepit li l-esponenti qatt ma kkonnoxxiet lil Antoinette Amaira bħala inkwilina ta' ebda proprjetà tagħha u għalhekk mhux il-każ li tirrikonoxxi lill-imsemmija Antoinette Amaira;

Illi fl-ewwel lok, u mingħajr preġudizzju għas-sottomissjonijiet segwenti, l-esponenti ġġib a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti l-fatti kif hawn ser jiġu elenkati u ppruvati permezz ta' dokumenti annessi li meta għalaq iċ-ċens ta' 17-il sena fuq il-fond numru 6, Triq San Ġużepp, il-Pietà, l-esponenti staqsiet liċ-ċenswalist Saviour Zerafa jekk iridx jiġi kkunsidrat

bħala inkwilin *ai termini* ta' l-Att XXXIII ta' l-1979, infurmatu li f'każ affermattiv il-kera jkun awmentat sa Lm32.08,0 fis-sena, pagabbli kull 3 xhur bil-quddiem, u kontestwalment talbitu jingħatalha aċċess għall-fond, proprjetà tagħha għall-ispezzjoni minn probabbli xerrejja, avżatu ukoll li ma jistax jagħti ċwievet lil ħadd ħliefha f'każ li jiddeċidi li jċedi l-lokazzjoni u dan permezz ta' ittra uffiċjali, protest ġudizzjarju u ittra bonarja (dok. A, B, C);

*Illi kif jiġi ppruvat fi stadju ulterjuri quddiem din l-*Onorabbli Qorti, Saviour Zerafa, deliberatament ta tagħrif jew falz jew skorrett jew it-tnejn dwar it-titolu tiegħu, it-talbiet ta' sid-il kera, l-ammont ta' ċens u l-ammont ta' kera;

Illi meta l-esponenti indunat li Saviour Zerafa kien qiegħed mhux biss jipprova jgħaddiha biż-żmien iżda addirittura jqarraq biha, hi fittxitu bil-Qorti, permezz ta' Avviż nru. 517 (dok. D) u li permezz ta' rikors ta' l-20 ta' Awissu, talbet li jiġi ordnat l-intervent taċ-*Chairman* ta' l-Awtorità tad-Djar u tas-Segretarju tad-Djar (dok. E);

Illi fil-31 ta' Lulju, 1980 l-esponenti pprotestat ruħha ġudizzjarjament mas-Segretarju tad-Djar (dok. F), fejn talbet lill-intimat Segretarju tad-Djar jikkonsenjalha ċ-ċwievet tal-fond nru. 6, Triq San Ġużepp, il-Pietà, ħalli jiġu lilha restitwiti d-drittijiet tagħha ta' sid ta' proprjetà immobbiljari, salv li żammet dejjem *in vigore* d-dritt li tfittex għad-danni kollha li setgħet soffriet u li tista' ssofri minħabba l-aġir illegali li ma titħalliex tgawdi paċifikament il-proprjetà tagħha;

Illi wara li rċeviet l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni nru. 43221 fid-9 ta' Awissu, 1980, irrispondiet b'ittra fejn fakkret lis-Segretarju tad-Djar dwar il-protest fil-Prim'Awla tal-31 ta' Lulju, 1980, u li pprotestat bil-qawwa kontra l-imsemmi Ordni

ta' Rekwiżizzjoni (dok. G);

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost u għall-oppożizzjoni ta' l-esponenti għall-imsemmija Ordni ta' Rekwiżizzjoni, riferibbilment għall-ittra uffiċjali odjerna, l-esponenti tosserva li l-Aġent Segretarju tad-Djar qed jitlob li tiġi kkonoxxuta ċerta Antoinette Amaira, li allegatament qiegħda toqgħod fil-fond *de quo*, filwaqt li ma jsemmi xejn dwar ir-raġel ta' Antoinette Amaira, li se mai, messu jkun hu l-bniedem ikkonċernat u illi, skond informazzjoni li għandha, l-imsemmija Antoinette Amaira kellha passat li fih kienu involuti żewġha u ħabib li qabel kienet tinnamra miegħu u li kienet ukoll il-kunvent tal-Buon Pastur, Ħal Balzan;

Illi bħal issa ma jidher li għandha ebda għajnuna finanzjarja mill-ebda wieħed mill-irġiel involuti u għalhekk, barra kunsiderazzjonijiet oħra dwar idoneità ta' inkwilinat, ma jidhirx li hemm mezzi leċiti ħalli tħallas il-kera, u dan jerġa' jiġi enfasizzat, qed jiġi sottomess, mingħajr ebda preġudizzju;

Illi fit-tielet lok hu sottomess, bir-rispett, li għaliex fil-fatt fil-mori tal-kawża bejn l-esponent u Saviour Zerafa u l-Aġent Segretarju tad-Djar quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati, miet żewġ l-esponenti u ħalla bħala superstiti tiegħu lill-esponenti u żewġt itfal minuri, għalhekk iktar minn qatt qabel, meta m'hemmx min iġib l-għixien għall-familja hemm bżonn ta' fondi, u l-bejgħ ta' dan il-fond *de quo* huwa mixtieq u neċessarju iktar minn qabel;

Illi fir-raba' lok, l-imsemmi Saviour Zerafa, l-aħħar inkwilin tal-fond *de quo*, li mar jikkonsenja ċ-ċavetta tal-fond lill-Aġent Segretarju tad-Djar, ingħata fond fil-*Housing Estate* tal-Gvern f'San Pawl il-Baħar u dam fih ftit ġimgħat biss biex bidlu ma' ħaddieħor li kien joqgħod 84 jew 85 Triq Marina, il-

Pietà, b'mod li l-esponenti ġiet imdawra fin-nofs u mċaħħda mill-proprjetà tagħha b'mod jekk mhux addirittura illegali żgur b'mod dubbjuż, kif jiġi largament ippruvat fi stadju ulterjuri;

Illi, subordinatament l-inkwilina impost mill-Aġent Segretarju tad-Djar kontra r-rieda ta' l-esponenti offriet kera inqas minn dak skond il-liġi u dan allegatament fuq informazzjoni skorretta ta' l-imsemmi Saviour Zerafa, talbet li din il-Qorti tordna: (1) li tiġi irtirata l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni numru *43221 kontra l-fond numru 6, Triq San Ġużepp, il-Pietà u* (2) li tiġi reintegrata fil-pussess inkondizzjonat u sħiħ ta' l-imsemmi fond;

Rat it-tweġiba ta' l-intimat tad-9 ta' Lulju, 1981, li biha ssottometta li, salv il-kwistjoni jekk Antoinette Amaira għandhiex mezzi jew le biex tħallas il-kera tal-fond in kwistjoni, li kif jirriżulta mill-provi għandha mezzi leċiti biex tagħmlu, l-ebda waħda mill-kawżali msemmija mir-rikorrenti tiġġustifika, anke jekk ippruvata, it-talba tagħha u illi hu inoltre ben risaput illi biex ir-rikorrenti tirrikonoxxi lil Antoinette Amaira ma għandhiex bżonn li tkun ikkonoxxietha qabel, għalkemm mir-rikors ir-rikorrenti tallega li għandha konoxxenza tajba tagħha; bl-ispejjeż;

Rat l-atti l-oħra kollha tar-rikors;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Kif jidher mir-rikors tagħha, ir-rikorrenti Ersilia Said, kienet irċeviet ittra uffiċjali mingħand l-Aġent Segretarju tad-Djar, iddatata 26 ta' Mejju, 1981 fejn ġiet interpellata għall-finijiet ta' l-artikolu 8 ta' l-Att II ta' l-1949, biex, bħala sid il-

fond imsemmi fir-rikors, tirrikonoxxi lil Antoinette Amaira li kienet qiegħda tokkupa l-fond b'saħħa ta' rekwiżizzjoni;

Skond l-imsemmi artikolu 8 ċitat fl-istess ittra uffiċjali, ir-rikorrenti kellha d-dritt li, fi żmien tletin jum min-notifika tagħha, b'rikors f'din il-Qorti, b'kontestazzjoni tas-Segretarju tad-Djar, titlob għall-awtorizzazzjoni sabiex ma toqgħodx għal dik it-talba tas-Segretarju tad-Djar;

Fil-fatt, ir-rikorrenti, fiż-żmien fuq stipulat, ippreżentat ir-rikors odjern, iżda kif jidher mill-aħħar paragrafu tiegħu, hija mhux qiegħda titlob, skond it-termini ta' l-artikolu 8 fuq ċitat, għall-awtorizzazzjoni sabiex ma toqgħodx għat-talba tas-Segretarju tad-Djar, li tirrikonoxxi lil Antoinette Amaira, imma qiegħda titlob li din il-Qorti tordna li tiġi rtirata l-imsemmija rekwiżizzjoni u li hija tiġi reintegrata fil-pussess inkondizzjonat u sħiħ tal-fond in kwistjoni;

Huwa evidenti li dawn it-talbiet mhumiex konformi għall-imsemmija disposizzjoni tal-liġi. Altru li titlob għall-awtorizzazzjoni li ma toqgħodx għat-talba tas-Segretarju tad-Djar biex ma tirrikonoxxix lil min qed jokkupa l-fond *de quo* u altru t-talba biex tiġi rtirata r-rekwiżizzjoni u t-talba pedissekwa li r-rikorrenti tiġi reintegrata fil-pussess inkondizzjonat u sħiħ tal-fond;

Kif jidher mill-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 1983, ir-rikorrenti qiegħda tissottometti li t-talbiet fir-rikors jimplikaw u jinvolvu talba għall-awtorizzazzjoni biex ir-rikorrenti ma toqgħodx għat-talba tas-Segretarju tad-Djar ikkontenuta fl-imsemmija ittra uffiċjali. Il-Qorti però ma tistax taċċetta din is-sottomissjoni billi, fil-fehma tagħha, it-talba għall-awtorizzazzjoni biex ma tirrikonoxxix lil min qed jokkupa l-fond ma tammontax għal talba għalbiex tiġi rtirata r-

*rekwiżizzjoni u għalbiex ir-rikorrenti tiġi reintegrata fil-pussess* inkondizzjonat u sħiħ tal-fond. Kieku saret it-talba skond it-termini ta' l-artikolu 8, u din it-talba ġiet milqugħa mill-Qorti, il-konsegwenza kienet tkun li Antoinette Amaira ma tiġix rikonoxxuta mir-rikorrenti imma ma kinitx tkun li r-rekwiżizzjoni tiġi rtirata u r-rikorrenti tiġi reintegrata fil-pussess tal-fond. Ir-rekwiżizzjoni f'dik l-ipotesi kienet tkompli sseħħ u r-rikorrenti ma kintx tiġi reintegrata fil-pussess tal-fond;

It-talba li għandha u kellha ssir skond l-imsemmi artikolu 8 hija *toto coelo* differenti minn dik li fil-fatt saret fil-każ preżenti u kwindi t-talbiet, kif konċepiti fir-rikors odjern, ma jistgħux jiġu milqugħa billi, apparti minn kwalunkwe konsiderazzjoni oħra, ma sarux skond it-termini ta' l-imsemmi artikolu 8 ta' l-Att II ta' l-1949;

Għandu jiżdied illi kif ġie kemm-il darba ritenut minn dawn *il-Qrati (Kollezzjoni Deċiżjonijiet, Vol. XXXIV-I-17;* XXXV-I-83 u XL-II-920), l-operat ta' l-intimat Segretarju tad-Djar huwa insindakabbli mill-Qrati sakemm l-ordni ta' rekwiżizzjoni tkun maħruġa fil-forma li trid il-liġi. Fil-każ preżent mhux qed jiġi allegat bl-ebda mod li kien hemm xi difett fil-forma ta' l-ordni tar-rekwiżizzjoni u kwindi, anke għal din ir-raġuni, it-talbiet, kif konċepiti, mhumiex sostenibbli;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet ikkontenuti fl-imsemmi rikors bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

---